MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 396/2008

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**vs**

**Alfred Ali Mouldi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta April 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €157.40c (mija u sebgha u hamsin Ewro u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 1013970 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn April 2007 sa' Ottubru 2007.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Frar 2008 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-15 ta Mejju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro157.40c (mija u sebgha u hamsin Ewro u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------